MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 1006/2012

**Associated Supplies Ltd**

**-vs-**

**Mizzi Joseph**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Joseph Mizzi, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet premessi, talab lil din il-Qorti:

Tirrevoka l-precitat mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 1320/2012 fl-ismijiet premessi, kemm peress illi ma giet prezentata l-ebda kawza in sostenn tal-pretensjoni kawtelata permezz tal-istess mandat, u dana skont l-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll peress illi l-ammont mitlub ma huwiex prima facie gustifikat u huwa eccessiv, u dana skont l-Artikolu

836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u anke peress ma huwiex ragjonevoli, mehtieg jew gustifikabbli li l-mandat odjern jibqa' fis-sehh, u dana skont l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tikkundanna lis-socjeta' sekwestranti Associated Supplies Limited biex thallas lill-esponent il-penali kontemplata fl-Artikolu 836(8) (a), (b) u (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi s-socjeta' Associated Supplies Limited, minghajr raguni valida, ma ghamiltx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit bil-ligi, peress li fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju precitat numru 1320/2012, is-socjeta' Associated Supplies Limited qatt ma talbet lill-konvenut li jhallas id-dejn jew sabiex jipprovdi sigurta' bizzejjed u peress illi t-talba tas-socjeta' Associated Supplies Limited ghall-hrug tal-precitat mandat kawtelatorju hija wahda li saret issir b'malizzja, u hija frivola u vessatorja; u

F'kaz li dina l-Onorabbli Qorti kellha ma tirrevokax il-mandat ta' sekwestru precitat, tordna lis-socjeta' sekwestranti Associated Supplies Limited sabiex, fi zmien perentorju li jigi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, taghti garanzija xierqa ghall-hlas tad-danni rrekati mill-esponent u kkagunati unikament mis-socjeta' sekwestranti b'rizultat tal-hrug tal-mandat ta' sekwestru precitat mill-hrug tal-precitat mandat u tordna li fin-nuqqas tad-depozitu ta' tali garanzija entro t-terminu hekk prefiss, jigi revokat l-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1320/2012, u dana a tenur tal-artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

BL-ispejjez u b'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-esponent skont il-ligi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba tas-socjeta' kummercjali Associated Supplies Limited, li in forza taghha, ghar-ragunijiet fiha mfissra ssottomettiet li t-talbiet ghandhom jigu michuda.

Semghet lid-difensuri.

Il-Qorti tibda biex ittenni l-principju li jirregola proceduri ta' din ix-xorta, u cioe' li l-iskrutinju li jehtieg li jsir minn din il-Qorti f'dan l-istadju huwa essenzjalment wiehed fuq livell ta' prima facie. Il-mertu jigi mistharreg u evalwat fil-kawza bejn il-partijiet. Dan ifisser illi f'dawn il-proceduri, il-Qorti ma tkun bl-ebda mod qed tippronunzja ruhha fuq fatti u fehmiet dwar il-vertenza, kemm jekk tigi milqugha t-talba odjerna, kemm jekk tigi michuda.

<u>L-Art. 836(1)(b)</u>

Dan premess, il-Qorti tghaddi biex tiskarta l-ewwel raguni migjuba mir-rikorrenti, u cioe' dik kontemplata fl-Art. 836(1)(b) li jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju f'kaz li dan m'ghadux aktar fis-sehh. Ma jiswiex l-argument ta' Joseph Mizzi li, galadarba l-mandat ma giex segwit b'kawza, dan ghandu jaqa'. Il-kawza proprja dwar il-vertenza kienet ilha mibdija zmien qabel. Xejn ma jzomm lil min irid jikkawtela pretensjoni milli jaghmel dan b'kull mod li taghtih il-ligi fil-kors tal-kawza mibdija. Lanqas ma taqbel il-Qorti mal-argument tar-rikorrenti odjern illi l-kawza ezistenti ma tissodisfax ir-rekwizit tal-ligi ghaliex it-talba fiha m'hijiex kwantifikata kif hija kwantifikata l-pretensjoni fl-imsemmi mandat kawtelatorju, u dan ghaliex il-premessi u l-kawzali tat-tnejn huma identici.

<u>L-Art. 836(1)(d)</u>

Dan l-artikolu jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju "jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv". Fil-kaz in ezami, is-socjeta' Associated Supplies qed titlob, inter alia, hlas ta' danni minghand Joseph Mizzi minhabba ksur ta' kuntratt ta' impjieg. Tghid li l-istess Joseph Mizzi naqas li josserva l-obbligi tieghu meta dawwar ghalih kuntatti ma' socjeta' estera BWSC li rebhet tender ta' valur ta' aktar minn €160 miljun li l-kummissjoni fuqu kienet tkun ta' 2% tal-valur tal-kuntratt kieku s-socjeta' Associated Supplies baqghet tirraprezenta lis-socjeta' estera BWSC. Ghalkemm dan l-ammont pretiz huwa wiehed ingenti, ma jidhirx mid-daqqa t'ghajn li huwa wiehed eccessiv.

"*Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti*", ("Spiteri vs Darmanin" deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Awwissu 2007).

<u>L-Art. 836(1)(f)</u> jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju "*jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m'huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli*".

L-unika raguni li jgib ir-rikorrenti odjern f'dan il-kuntest hija li huwa qed jitlef imghaxijiet fuq l-ammont ta' flus li gie depozitat in segwitu ghall-mandat. Din, fil-fehma ta' din il-Qorti, m'hijiex raguni valida biex izzomm lis-socjeta' Associated Supplies milli tiggarantixxi l-kreditu pretiz b'kull mezz permess mil-ligi. Anzi, il-fatt innifsu li l-ammont depozitat in segwitu ghall-mandat huwa biss percentwali zghira tal-ammont pretiz ikompli jsahhah il-fehma li hemm ragunijiet validi ghaz-zamma fis-sehh tieghu.

<u>Art. 836(8)</u>

Ir-rikorrenti odjern qed jitlob lill-Qorti timponi penali a tenur tal-Art. 836(8) li testwalment jipprovdi ghal tali imposizzjoni:

"*(a) Jekk ir-rikorrent, minghajr raguni valida, ma jaghmilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit bil-ligi;*

*(b) Jekk fit-talba tal-konvenut ghat-tnehhija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta' bizzejjed;*

*(d) Jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*"

F'dan il-kuntest, in linea ta' principju huwa ritenut illi dak li tikkundanna l-ligi huwa l-abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja (Ara "Spiteri vs Camilleri deciza fl-10 ta' Jannar 1992 u ara wkoll "Zarb vs Port Cottonera Limited" deciza fit-18 ta' Settembru 2002).

Galadarba s-sanzjoni hija wahda punittiva, ic-cirkostanzi msemmija ghandhom jitqiesu strettament tassattivi (Ara "Spiteri vs Darmanin", deciza mill-Imhallef J. R. Micallef fil-25 ta' Awwissu 2010).

Fil-fehma ta' din il-Qorti ma jidhirx li jezistu ebda wahda mic-cirkostanzi kontemplati fl-Art. 836(8) li jiggustifikaw l-imposizzjoni ta' penali.

<u>Art. 838A</u>

Ir-rikorrenti f'dawn il-proceduri qed jitolbu wkoll lil din il-Qorti sabiex kemm il-darba ma jigix imhassar il-mandat ta' sekwestru, l-istess sekwestrant ghandu jigi obbligat jipprovdi garanzija ghad-danni.

Kif irriteniet il-Qorti fil-fuq citata kawza "Zarb vs Port Cottonera Limited" (deciza fit-18 ta' Settembru 2002):

"*Il-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hija li ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabbilta' ghad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbuzat u jkun ezercitat fil-limiti permessibili mil-ligi.*"

Fil-kawza "Darmanin vs Cachia et" (deciza fil-31 ta' Lulju 2007), il-Qorti rriteniet illi:

"*Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Lanqas ma jidher li*

*huwa biżżejjed biex jikkostitwixxi "kawża ġusta" għall-finijiet tal-artikolu 838A il-fatt li persuna li kontriha jkun inħareġ Mandat kawtelatorju tkun qegħda ġġarrab danni minħabba dak il-Mandat. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili.*"

Fil-kawza "Spiteri vs Camilleri" (deciza fl-10 ta' Jannar 1992), il-Qorti riaffermat il-principji regolatorji fil-kuntest ta' talba ghall-imposizzjoni ta' garanzija. Dawn gew ukoll konfermati fil-fuq citata "Zarb vs Port Cottonera Limited" u ghalihom, il-Qorti taghmel pjena referenza.

Fid-dawl ta' dawn il-principji, il-Qorti qieset il-fatti tal-kaz odjern u qed tichad it-talba ghall-imposizzjoni ta' garanzija.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet ta' Joseph Mizzi.

L-ispejjez jithallsu minn Joseph Mizzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------